

#25 sena fostna

# Tentufiet mill-Imgħoddi

**Lina McCarthy**

Għeżież Balzanin u ħbieb tagħna kollha,

Din is-sena hija l-għaxar sena li qed nikteb dan l-artiklu u naħseb li l-aħħar – għax bdejt ninsa! Però nħoss li għedtilkom dak kollu li kelli xi ngħid fuq żmien it-tfulija bikrija tiegħi sal-qamar il-għasel – wara li żżewwiġt, ħamsin sena ilu.



Iżżewwiġna fis-17 t'Awwissu 1968 u tlaqna għall-qamar il-għasel l-għada, fil-festa ta' Santa Liena. Qomna filgħodu kmieni, bla ma kellna bżonn żveljarin, għax ta' Birkirkara jibdew idoqqu l-qniepen mill-erbgħa ta' filgħodu. Morna lejn il-Port, b'taxi tal-Percius għax ħadd mill-familji tagħna ma kellu karrozza dak iż-żmien. Fil-port irkibna dgħajsa biex toħodna fuq il-vapur. Morna bih sal-Port ta' Sirakuża, fi Sqallija. Dan fil-fatt kien vapur ġdid li ħa post l-"Istar of Malta". Biex tmur bl-ajru kien għoli wisq u ma kienx frekwenti. Fil-fatt il-ġiti kollha kienu jsiru bil-baħar, u aħna morna ġita ma' Ta' Kana, sa Lourdes li ħadet ġimagħtejn, bil-baħar, ferrovija u *pullmann*. Minn Sirakuża sa Pompej morna bit-tren, li kien għadu jaħdem bil-faħam. Fil-fatt wasalna suwed, bin-nugrufun. Iżda kienet il-bidu tal-vaganza tagħna u xorta ħadna pjaċir, għax qatt ma konna rkibna tren. Ġewwa Malta wkoll darba kien hawn tren, bejn l-1833 u l-1931, li kien jgħaddi minn Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan. Għad hemm biċċa mill-pont ħdejn il-Corinthia Hotel.



La semmejna "Star of Malta" nixtieq nagħtikom xi tagħrif dwaru, għax kien popolari ħafna. Dan inbena fl-1925 bħala *yacht* lussuż u kien jismu Camargo. Fil-gwerra nxtara min-Navy Amerikana u ħa sehem fid-difiża ta' Pearl Harbour. Fl-1952, inxtara mis-Sur Laferla biex jagħmel 3 vjaġġi fil-ġimgħa minn Malta għal Sirakuża. Fid-29 ta Lulju 1955 kien inkalja fil-ponta tad-Dragonara. Kienu għerqu 2 passiġġieri. Wara ttieħed Messina għat-tiswija, ġie xahrejn wara u reġa' beda jaħdem, sakemm fl-1966 inbiegħ għall-ħadid.

Inkomplu dwar il-qamar il-għasel tagħna. Minn Pompei tlaqna bil-*pullman* għal Lourdes u waqafna fost l-oħrajn Ruma, Nizza u Nimes. Kellna magħna bħala Direttur Spiritwali lil Dun Mikiel Saliba, tar-Rabat, persuna allegra imma serja. Wasalna lura ġimagħtejn wara u sibna li kienet għadha kif twieldet l-unika neputija tagħna - Gabriella, it-tifla t'oħti Nancy.

Nerġa' lura fi tfuliti, u ser infakkarkom f'xi postijiet fir-raħal tagħna li llum bidlu l-użu tagħhom. Nibda bin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kbira, fejn jgħaqqdu t-tliet irħula. In-naħa ta' Ħal Lija kien hemm l-għassa tal-Pulizija u l-Berġa li kienet tmiss eżatt mal-ġnien żgħir tal-istatwa ta' San Ġużepp. In-naħa ta' Ħ'Attard kien hemm l-iskola tas-subien u ftit 'l isfel kien hemm l-iskola tal-bniet, li fi żmien il-gwerra ntużat bħala l-*Victory Kitchen*, bħala Sptar u bħala Qorti. Dan l-aħħar kienet is-sede tal-Kunsill Lokali, il-Posta u s-Servizzi Soċjali. Eżatt bieb ma' bieb, hemm dar kbira, quddiem in-niċċa tal-Kunċizzjoni, fejn fi tfuliti kienet toqgħod mara Ingliża Mrs De Woulf, li kienet tħobb ħafna l-annimali u kellha ħawt kbir tal-ġebel mal-ġenb tad-dar, dejjem mimli bl-ilma, biex jixorbu l-klieb u l-qtates tat-triq.

Ftit 'l isfel, fejn illum hemm l-iskola l-ġdida, Triq Robert Mifsud Bonnici, ma kinetx teżisti, iżda kien hemm ġnien kbir li kien jibqa' sejjer sa Triq il-Kbira, Ħal Lija, fejn illum hemm Villa Lija, is-Sala Parrokkjali. Il-ġnien konna nsejħulu 'Ta Kelin' u konna nixtru t-tin u l-ħawħ mingħandhom. Fuq ix-xellug, ġej minn fuq, kien hemm sqaq, illum Triq

Valent Muscat, li jieħu għal Triq Papa Alessandru, fejn kien hemm l-*Officers Quarters*, tan-Navy Ingliża.

Wara saret lukanda, imbagħad inbidlet f'dar għall-anzjani Casa Antonia. Madwar il-knisja ma kienx hemm ħlief pjazza żgħira li kienet tinfed mal-pjazza t'isfel permezz ta' triq dejqa, li meta kienet tgħaddi il-karozza tal-linja, kienet tħokk mal-ħitan. Mal-ġenb tal-knisja kien hemm sqaq dejjaq li jdur mal-knisja. Dan kellu ħajt għoli tal-ġnien tal-villa li llum hu l-Każin tal-Banda San Gabriel. Il-ġnien twaqqa' u sar pjazza fi Triq l-Annunzjata. Wara l-knisja fejn illum hemm il-*playground* u Triq Ġużè Bonnici, ma kinux jeżistu.

Minflok kien hemm djar u ħwienet, u warajhom raba' u ġonna. Il-kunvent tal-Bon Pastur, li llum sar kwazi kollu post fejn jgħixu r-rifuġjati u fejn hemm ukoll iċ-Ċentru Parrokkjali, kien Orfanatrofju. Barra minn hekk kien speċi ta' ħabs għal tfajliet li kienu joħorġu tqal. Dawn kienu jiddaħħlu mill-familji tagħhom stess sakemm iwelldu u jħallu t-tarbija mas-sorijiet. Ftit 'l sfel mill-Madonna tar-Rummiena, fi Triq il-Kbira, kien hemm Villa ta' Mrs Farrugia, li kienet isservi ta' skola tan-nuna (Kindergarten) u kien jisimha 'St. Anthony School'.

Skola oħra taż-żgħar kienet fil-bidu ta' Triq l-Annunzjata, ukoll ta' ċerta Mrs Farrugia. Fi Triq San Valentinu, wara l-Villa tal-Konti Manduca, kien hemm il-'Guardian Angel Kindergarten', li jien għamilt erba' snin immexxiha.

Fi Triq il-Kbira qabel is-siġar, hemm il-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani, dan kien fi trejqa żgħira, li kienet twassal biss minn tarf sa tarf tal-kunvent – lejn iż-żewġ naħiet kienu għelieqi, ħlief id-dar li llum hija spiżerija. Niftakar 'l ommi tgħid li s-sorijiet kienu jgħallmu r-rakkmu u l-bizzilla lit-tfajliet tar-raħal. Ġo Ħal Balzan kien hawn għalhekk ħafna nisa jafu jaħdmu dawn iż-żewġ snajja'. Kienu jberflu t-trieħi tal-altari u l-lożor, tvalji u nvesti tad-dota. Jien għad għandi rikordji t'ommi u ngħożżhom ħafna.

Fi żmien li konna l-iskola, fi Triq il-Kbira in-naħa ta' fuq kien għad hemm waħda minn dawk li bl-Ingliż jissejħu *milestones*. Dawn kienu kolonni kbar taż-żonqor, li sa qabel il-gwerra kien hemm fuqhom kemm hemm mili mill-Belt. Iżda minħabba l-biża' ta' invażjoni, il-kitba tħassret.

Jien għalija veru kienet *milestone* għax tgħidx kemm-il darba ħbatt rasi magħha, meta kont inkun miexja lejn l-iskola u nkun aljenata. Imma kif kienet tgħidli ommi; 'Kien jaħbat żonqor ma' żonqor!'. Din inqerdet f'Mejju tal-1969, fi splużjoni tal-murtali li kien hemm viċin. Il-kelma *milestone* baqgħet tintuża għal min ikollu mira f'ħajtu, u dan jilħaqha.

Wara l-gwerra, fi tfuliti bikrija, missieri kien jaħdem l-Isptar Ċentrali fejn illum hemm id-Depot tal-Pulizija. Hu kien jingħata *ration* ta' sapun tal-*carbolic*. Dan kien sapun aħmar u kien fih diżinfettant qawwi, li kien iqaxxar kollox, anke l-idejn jekk tużah ħafna.

Meta sirna adoloxxenti, fis-sittinijiet, daħlu f'Malta il-*Marylike Fashion Parade*. Dawn kienu organizzati mis-sinjura Ġużeppina Attard Montaldo, flimkien mal-Azzjoni Kattolika. Din kienet tmexxi grupp ta' mudelli li kienu jilbsu ħwejjeġ diċenti, mhux skullati, qosra, jew bla kmiem. F'kelma waħda, kif kienet tilbes Marija kieku kienet tgħix fi żmienna! B'hekk kienu jikkumbattu l-moda ta' dak iż-żmien, li bdiet iddaħħal il-*mini skirt* u lbiesi oħra skullati jew bla kmiem, li kienu meqjusa bħala skandalużi.

Nagħlaq dawn il-ħsibijiet billi nfakkarkom fi ftit taqbiliet li konna ngħidu meta konna żgħar. Nibda minn waħda li jafha kulħadd: Wieħed, tnejn, tlieta, Paċikk qabeż mit-tieqa. Ġie fuq blata u kisser il-patata. Tar-rizzi waqa' l-baħar, tal-imħar qabeż għalih. Tar-rizzi tela' jiġri, tal-imħar baqa' fil-qiegħ.

Ħafna minn dawn it-taqbiliet kienu jkunu talb, minħabba t-tradizzjoni nisranija tagħna, pereżempju: Ser norqod u nimtedd, għal Alla u San Ġużepp. Ser norqod u nirpoża, għal Alla u Santa Roża. Fil-maltemp, konna ngħidu din: Santa Barbara, la deni u lanqas ħsara. Eħlisna minn kull deni u ndokra lill-baħħara. Jiena ċerta li intom tafu ħafna aktar minn dawn.

Il-Festa t-Tajba!